MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 349/2000/1

**Montebello Enterprises Limited**

**v.**

**Joseph u Mary konjugi Cutajar u Antoine Cutajar**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Jannar 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi, li biha dik il-Qorti, wara li laqghet l-eccezzjonijiet

tal-konvenuti cahdet it-talbiet attrici kif proposti. Ghall-ahjar intendiment ta' dana l-appell is-sentenza kollha ta' l-ewwel Qorti sejra tigi riprodotta kollha kemm hi billi fiha hemm kontenuti l-premessi u t-talbiet tas-socjeta` attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll il-motivazzjoni li waslet lill-ewwel Qorti li tiddeciedi l-kawza bil-mod kif iddecidieta. Is-sentenza taqra hekk:
"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni prezentata fl-24 ta' Frar 2002 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet illi fl-1 ta' Ottubru 1998 hija bieghet lill-konvenuti vettura tal-marka Volkswagen Golf f'kundizzjoni *tale quale,* liema vettura kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni "AAF 858"; illi l-imsemmija vettura inbieghet bil-prezz ta' hamest elef lira (LM5,000); illi mal-konsenja tal-vettura l-konvenuti hallsu akkont tal-prezz is-somma ta' elf lira (LM1,000); illi l-partijiet ftehmu li l-konvenuti jhallsu l-bilanc fi tmienja u erbghin pagamenti mensili ta' mija u zewg liri u erba' centezimi (LM102.04) il-wiehed, liema ammont jinkludi mghaxijiet; illi l-konvenuti, jew min minnhom, effettwaw zewg pagamenti ta' LM102.04 il-wiehed; illi rrizulta li l-imsemmija vettura nsterqet minn persuni njoti ghas-socjeta` attrici meta din kienet fil-pussess tal-konvenuti, jew min minnhom; illi wara li naqset din il-vettura l-konvenuti ma baqghux jeffetwaw aktar pagamenti u interpellati sabiex ihallsu l-bilanc huma baqghu inadempjenti; illi ghalhekk il-konvenuti huma moruzi fil-hlas u inadempjenti fl-obbligi minnhom assunti u ma jistghux aktar jivvantaw il-beneficcju taz-zmien ghall-hlas; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` attrici wara li l-istess konvenuti xtraw minghand l-istess socjeta` attrici vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni AAF 858;

2. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma inadempjenti fl-obbligi taghhom tal-hlas ta' l-imsemmi debitu;

3. tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, iddekadew mill-beneficcju taz-zmien ghall-hlas tal-ammont lilhom finanzjat mis-socjeta` attrici;

4. tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti, jew min minnhom, rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' l-imsemmija vettura u imghaxijiet fuq l-istess bilanc;

5. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat.

"Bl-ispejjez, inkluzi dak tal-mandat ta' qbid numru 492/2000 u tal-mandat ta' sekwestru 493/2000, u bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta` attrici.

"Rat in-nota tal-konvenuti konjugi Cutajar prezentata fl-20 ta' Marzu 2000 li permezz taghha eccepew illi fil-konfront taghhom it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attriic stante li huma m'ghandhomx, u qatt ma kellhom, ebda rapport guridiku mas-socjeta` attrici, huma qatt ma xtraw ebda vettura minghandha.

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda taghhom.

"Rat in-nota tal-konvenut Antoine Cutajar tal-20 ta' Marzu 2000 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici, fil-konfront tieghu, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante li bejn l-eccipjenti u s-socjeta` attrici qatt ma ezista ftehim validu ta' bejgh ta' vettura.

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tieghu.

"Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Mejju 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba ghal hlas ta’ ammont bilancjali dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ bejgh ta’ vettura ‘*second hand*’. Originarjament jidher li bejn il-kontendenti ma kienx hemm kwistjonijiet billi d-depositu thallas, il-karozza inghatat f’idejn l-konvenut Antoine Cutajar li beda jaghmel uzu minnha u mhux hekk biss, talli hallas xi akkonti ohra mensili. L-inkwiet beda meta f’Jannar 1999 waqt li l-konvenut Antoine Cutajar kien qieghed jattendi ezami fil-Furjana l-vettura in kwistjoni nsterqet u billi rrizulta li ma kienx hemm kopertura assikurattiva li setghet taghmel fronti ghal din l-eventwalita`, l-pagament mensili gew interrotti hezrem u b’hekk s-socjeta` attrici kellha tirrikorri lejn il-Qrati.

“It-talba attrici hija bazata fuq is-semplici allegazzjoni li kien hemm bejgh validu tal-vettura in kwistjoni u li konsegwentement il-konvenuti jew min minnhom kellhom ihallsu l-bilanc rizultanti bl-imghax wara li jitnaqqsu l-pagamenti maghmula. L-azzjoni ghalhekk mhux wahda naxxenti mill-kambjali li sussegwentement gew ezebiti mill-attur, u lanqas ma hija azzjoni li tohrog mill-obbligi tal-pussessur ta’ haga mobbli meta dan ma jirritornax l-istess lil sidha. B’dana kollu din il-Qorti ma tistax ma tosservax li huwa kurjuz hafna kif f’azzjoni bazata fuq inadempjenza kuntrattwali l-istess kreditur ma jafx ezattament min hu d-debitur tieghu. “Din l-ambigwita` ssib zfog fl-eccezzjonijiet pprezentati mill-konvenuti konjugi Cutajar u dawk tal-konvenut Antoine Cutajar separatament. Infatti filwaqt li ta’ l-ewwel jichdu kwalunkwe responsabbilita` nkwantu jsostnu li qatt ma kellhom rapport guridiku mas-socjeta` attrici billi qatt ma xtraw ebda vettura minghandha; il-konvenut Antoine Cutajar eccepixxa n-nuqqas ta’ ftehim validu ta’ bejgh ta’ vettura bejnu u s-socjeta` attrici.

“Waqt il-gbir tal-provi jidher li l-kontendenti hadu posizzjonijiet diametrikament opposti fir-rigward tar-relazzjonijiet guridici koncernanti dan l-allegat bejgh. Infatti filwat li s-socjeta` attrici ssostni li l-bejgh gie konkjuz mal-konvenut Joseph Cutajar, li pero` kien qed “*jixtri*” l-vettura biex tintuza minn ibnu; il-konvenut Joseph Cutajar jsostni li huwa qatt ma xtara din il-vettura u kien biss assista lil ibnu fil-konkluzzjonijiet tat-trattattivi. Il-konvenut Antoine Cutajar jikkonferma l-istess diskors ta’ missieru billi jsostni li hu, u mhux missieru Joseph Cutajar, kien interessat li jixtri din il-vettura u effettivament ikkonkluda l-ftehim verbali mas-socjeta` attrici.

“Ikkunsidrat:-

“**Il-pozizzjoni ta’ Antoine Cutajar.**

“Stabbilit li l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa bazat fuq l-allegat bejgh tal-vettura in kwistjoni jista’’ jinghad mill-ewwel li l-konvenut Antoine Cutajar ma ghandux “*locus standi*” f’dawn il-proceduri. Infatti ghalkemm huwa minnu li dan il-konvenut ha pussess tal-vettura qatt ma kien hemm bejgh validu fil-konfront tieghu li jista’’ jissostanzja talba ghall-hlas tal-bilanc reklamat.

“Fil-gurisprudenza nostrana huwa ormai pacifiku illi l-forma ta’ l-iskrittura f’kazijiet ta’ *komprovendita*` ta’ vetturi, hija wahda *di rigore*. Fis-sentenza Fedele Dalli vs Alfred Caruana (dec. 28/01/93 Vol LXXVII. II. 18) u l-gurisprudenza hemm citata jinghad espressament li “*Hu stabbilit illi l-ligi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss ‘**ad probationem**’ imma ‘**ad substantiam et validitatem**’. A differenza tan-nuqqas ta’ boll fuq skrittura li jista’’ jigi rimedjat, il-konvenzjoni ta’ bejgh ta’ vettura bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni azzjoni jew eccezzjoni. L-inosservanza ta’ din il-formula preskritta bil-ligi ggib il-konsegwenza tan-nullita` jew l-inezistenza tal-kuntratt **‘ipso jure**’”.* Il-htiega ta’ skrittura privata hija rekwizit meta l-oggett mobbli ttrasferit hu effetivament vettura li tikkwalifika bhala “*motor vehicle*” u cioe` vettura mmexxija b’forza mekkanika kif previst fl-Artikolu 2 ta’ l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’

Malta billi l-Artikolu 40(1) tal-Kapitlu 294 tal-Ligijiet ta' Malta jezigi li "*kull trasferiment li ghalih japplikaw l-Artikolu 38 u 39 ta' dan l-Att* ***taht il-piena ta' nullita` ghandu jsir bil-miktub.***"

"Fil-kaz sottoezami ma hemmx dubbju u lanqas kontestazzjoni li l-vettura imsemmija fic-citazzjoni kienet tali li tentra fid-deskrizzjoni ta' "motor vehicle" u ghalhekk kull trasferiment taghha kien jehtieg skrittura "ad validitatem". Mill-provi akkwiziti ma tirrizulta ebda skrittura privata li tipprospetta t-trasferiment tal-vettura imsemmija lill-konvenut Antoine Cutajar u, ghandu jinghad, skond is-socjeta` attrici dan qatt ma seta' kien billi skond din is-socjeta` l-bejgh sar lil Joseph Cutajar. Fic-cirkostanzi l-eccezzjoni tal-konvenut Antoine Cutajar ghandha, kif sejra, tigi milqugha u konsegwentement t-talbiet attrici michuda fil-konfront tieghu.

"**Il-posizzjoni tal-konjugi Cutajar.**

"Il-konvenuti konjugi Cutajar qed jeccepixxu li ma hemmx relazzjoni guridika bejnhom u s-socjeta` attrici billi huma qatt ma xtraw vettura minghandha. Ghal kuntrarju s-socjeta` attrici ssostni li r-relazzjoni kuntrattwali hija ma' dawn il-konvenuti billi kien l-istess konvenut Joseph Cutajar li ma jinnegozja l-akkwist tal-vettura, l-assikurazzjoni saret fuqu, l-kuntratt u l-kambjali, ghalkemm mhux iffirmati minn Joseph Cutajar, jirrizultaw li gew iffirmati minn martu, l-konvenuta Mary Cutajar, filwaqt li l-istess dokumenti, sew l-kuntratt ta' bejgh kif ukoll l-kambjali, jindikaw lil Joseph Cutajar bhala akkwirent u debitur fuq l-kambjali.

"Issa, kif gia` inghad aktar 'l fuq, din l-azzjoni ma hijiex azzjoni kambjarja, u ghalhekk proprjament l-kambjali li kopja taghhom giet ezebita a fol. 21 sa 64 jista' biss jkollha forza probatorja ghall-obbligazzjoni naxxenti mit-trasferiment tal-vettura u xejn aktar. Izda hawn jirrizulta li kemm li skrittura a fol. 20 (Dok. CM2) kif ukoll il-kambjali kollha ezebiti, l-firma ta' Joseph Cutajar hija nieqsa u dawn id-dokumenti gew iffirmati biss minn martu Mary Cutajar.

"In-natura tal-kuntratt imsemmi huwa wiehed hekk imsejjah ta' xiri b'"*hire purchase*". Dan huwa evidenzjat mill-istess kambjali li gew ezebiti. Il-paragrafu (g) tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili jipprovdi li "*l-akkwist ta' proprjeta` mobbli jew ta' xi jedd ta' uzu jew dgawdija ta' xi proprjeta` mobbli jew immobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel*" jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li, skond is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu imiss liz-zewg mizzewgin flimkien.

"Gie sottomess mis-socjeta` attrici li l-ligi ma tirrikjedix l-firma biex jkun hemm prova tal-konkorrenza tal-konjugi ghal dak l-att ta' amministrazzjoni straodrinarja u jekk jirrizulta li kien hemm il-kunsens, anke tacitu, tal-parti l-ohra fiz-zwieg, dak l-att huwa validu u ghandhom jsegwu l-effetti kollha legali minnu. Gie rilevat ukoll li l-kunsens tal-parti l-ohra fiz-zwieg mhux mehtieg meta d-dejn jkun maghmul ghall-htigiet tal-familja, il-prezz ikun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja, u l-kirja tkun ghal zmien qasir. Dan kif jipprovdi l-'proviso' ghall-istess paragrafu. Inoltre qed jigi suggerit li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tbati dawk id-djun, anke jekk jigu kuntratti minn parti wahda biss mill-mizzewgin, li jsiru ghall-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

"Fir-rigward ta' l-ewwel sottomissjoni tas-socjeta` attrici din il-Qorti taghmel referenza fl-ewwel lok ghax-xiehda tal-konvenut Joseph Cutajar. Dan enfasizza bil-mod aktar assolut, u f'dan gie korroborat minn ibnu u x-xhud Marcon Tanti, li huwa qatt ma kien intenzjonat jakkwista l-vettura huwa stess. Minn dan isegwi li huwa qatt ma seta' ta' l-kunsens tieghu lill-martu Mary Cutajar, biex din tiffirma li skrittura u l-kambjali. Inoltre gia` la darba l-ligi tirrikjaedi "*ad validitatem*" li skrittura f'trasferimenti ta' vetturi bil-mutur, s-socjeta` attrici qatt ma tista' targumenta b'success li firma mhux mehtiega fl-amministrazzjoni ta' ati ta' natura straordinarja. Trasferiment ta' vettura jitlob li skrittura u din, biex ikollha xi tifsira jew rabta, trid bil-fors il-firma tal-kontraenti. Fil-kaz in ezami din il-firma ta' Joseph Cutajar hija nieqsa u konsegwentement qatt ma jista' jinghad li Joseph Cutajar kien konsenzjenti.

"Illi fir-rigward tas-sottomissjonijiet dwar l-eccezzjonijiet imsemmija fil-proviso ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 1322(3) u l-paragrafu © ta' l-Artikolu 1327, din il-Qorti tibda biex tosserva li l-akkwist ta' karozza minn genitur ghal ibnu qatt ma tista' titqies bhala dejn moderat u lanqas li sar fl-interess ta' l-edukazzjoni jew trobbija tieghu. Inoltre din is-sottomissjoni hija kontradittorja mat-tezi ta' l-istess socjeta` attrici billi din qed '*ab initio*' eskludiet li l-akkwist sar mill-konvenut Antoine Cutajar, izda li dan sar mill-konjugi Cutajar.

"Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-iskrittura fuq imsemmija Dok. CM2 (fol. 20 tal-process) hija nulla billi tippekka kontra r-rekwiziti tal-provvedimenti tal-ligi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici kif proposti, b'dan li tirrizerva favur tas-socjeta` attrici kull azzjoni ohra lilha spettanti, *si et quatenus*.

"Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici."

**<u>II. L-APPELL</u>**

2. Billi s-socjeta` attrici hassitha aggravata minn din is-sentenza, hija intavolat appell minnha quddiem din il-Qorti, permezz ta' rikors ta' appellipprezentat fis-27 ta' Jannar 2003. Ghar-ragunijiet esposti fih, is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija u minflok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati u konsegwentement tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

3. Il-konvenuti kkontestaw l-appell b'risposta ta' l-appell taghhom ipprezentata fl-1 ta' April 2003. F'din ir-risposta, wara li wiegbu ghall-aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti, huma sostnew li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbu li din il-Qorti joghogobha tichad l-appell interpost mis-socjeta`

appellanti u b'hekk tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

## <u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

4. Is-socjeta` attrici, issa appellanti, qeghdha titlob il-hlas tal-bilanc ta' prezz ta' vettura li hija bieghet u kkonsinjat. Din is-socjeta` harrket tliet konvenuti cioe` lil Joseph u Mary konjugi Cutajar, li huma l-genituri tal-konvenut l-iehor, Antoine Cutajar. Dawn il-konvenuti ghamlu eccezzjonijiet separati. Il-konjugi Cutajar qeghdin jallegaw li huma fil-fatt m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u qatt ma akkwistaw xi vettura minn ghandha, filwaqt li l-konvenut binhom Antoine Cutajar m'huwiex jallega li ma hemmx relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, izda qieghed jallega li ma kien hemm l-ebda ftehim <u>validu</u> dwar bejgh ta' vettura bejnu u s-socjeta` attrici.

5. Jirrizulta pruvat li kien sar ftehim fuq il-prezz tal-bejgh ta' vettura msemmija fl-att tac-citazzjoni, li l-istess vettura nghatat f'idejn l-istess konvenut Antoine Cutajar li beda jaghmel uzu minnha, li thallas id-depozitu ta' Lm1,000 (elf Lira) li kien gie miftiehem, li l-bilanc kellu jithallas b'rati konsekuttivi ta' mija u zewg liri u erba' centezmi (Lm102.04) fix-xahar, u li wkoll thallsu xi akkonti mensili. Jirrizulta wkoll li wara ftit ta' zmien din il-vettura nsterqet meta kienet fil-pussess tal-konvenut Antoine Cutajar. U minn hawn beda l-inkwiet kollu li wassal ghal din il-kawza. Infatti, l-pagamenti mensili ma baqghux jithallsu, anke minhabba dizgwid bejn il-kontendenti dwar l-assigurazzjoni tal-vettura u allura s-socjeta` attrici intavolat l-odjerna kawza. Kif sewwa irrilevat l-ewwel Qorti, l-kontendenti hadu pozizzjonijiet dijametrikament opposti fir-rigward tar-relazzjonijiet guridici koncernanti dan il-bejgh ta' din il-vettura. Infatti, filwaqt li s-socjeta` attrici sostniet li l-bejgh gie konkjuz mal-konvenut Joseph Cutajar, bl-intendiment li dan kien qed jixtri l-vettura biex tintuza minn ibnu, Antoine Cutajar, il-konvenut Joseph Cutajar sostna li huwa qatt ma xtara din il-vettura u kien biss sempliciment assista lill-ibnu fil-konkluzjonijiet tat-trattattivi. Il-konvenut Antoine Cutajar jikkonferma dak li

qal missieru u sostna li kien hu u mhux missieru li kien interessat li jixtri din il-vettura u effettivament ikkonkluda l-ftehim verbali mas-socjeta` attrici dwar il-vettura.

7. Din l-ambigwita` li tohrog mix-xhieda orali hija wkoll, xi ftit jew wisq, riflessa fid-dokumenti l-iktar saljenti li gew esebit fl-atti tal-kawza. A fol. 19 hemm esebit d-dokument CM1 li hija formola intitolata "*Sale of Motor-Vehicle – Details Form*". Jidher li din il-formola mtliet dakinhar illi sar il-ftehim verbalment dwar din il-karozza: id-dettalji tal-karozza, tal-prezz miftiehem, tad-depozitu li kellu jithallas kif ukoll il-bilanc ta' erbat elef lira (Lm4,000) li kellhom jithallsu f'rati mensili bir-rata ta' mija u zewg liri u erba' centezmi (Lm102.04) kull xahar u li l-ewwel pagament kellu jkun fl-1 ta' Ottubru 1998. Fuq din il-formola l-konvenut Joseph Cutajar huwa muri bhala l-klijent ossia l-kompratur. Hemm ukoll in-numru ta' l-identita` tieghu kif ukoll l-indirizz fejn joqghod. Hemm ukoll in-numru ta' l-identita` tal-konvenuta Mary Cutajar. Hemm xi dettalji ohra, fosthom li fejn hemm id-data ta' meta kellu jkun l-ewwel pagament cioe` fl-1 ta' Ottubru 1998, hemm isem il-konvenut Antoine Cutajar kif ukoll in-numru tal-*mobile phone* tieghu.

8. A fol. 20 tal-process hemm esebit il-kuntratt li bis-sahha tieghu giet trasferita din il-vettura. Id-dokument huwa mmarkat bhala dokument CM2. Dan id-dokument igib id-data ta' l-1 ta' Ottubru 1998. Bhala "customer" hemm indikat l-isem tal-konvenut Joseph Cutajar kif ukoll in-numru ta' l-identita` tieghu. Id-dokument fih ukoll dettalji tal-vettura, tal-prezz taghha u d-depozitu li kellu jithallas kif ukoll ir-rati mensili li diga` ssemmew qabel. Hawnhekk, id-dokument jaghmel referenza espressa ghad-dokument li ssemma' qabel u cioe`: *sheet number: 264/1998*. Fil-qiegh tad-dokument hemm il-kliem "We accept and sign" u hemm tliet postijiet fejn kellhom isiru l-firem. Id-dokument huwa ffirmat minn rapprezentant tas-socjeta` attrici kif ukoll mill-konvenuta Mary Cutajar li ffirmat ezattament fejn hemm in-numru ta' l-identita` taghha. Fil-post fejn kellu jiffirma l-konvenut Joseph Cutajar, f'liema post ukoll hemm indikat in-numru ta' l-identita` tieghu, ma hemmx il-firma ta' dan il-konvenut.

9. A fol. 21 sa 46 tal-process hemm numru ta’ dokumenti, ezattament fotokopji ta’ kambjali, li gew kollha kemm huma ffirmati mill-konvenuta Mary Cutajar. Anke fuq dawn id-dokumenti hemm in-numru ta’ l-identita` ta’ Joseph Cutajar taht il-linja fejn kien mistenni li dan il-konvenut jiffirma, pero`, bhal fil-kaz td-dokument imsemmi fil-paragrafu precidenti, dawn il-kambjali kollha m’ghandhomx il-firma ta’ dan il-konvenut Joseph Cutajar.

10. L-ewwel Qorti sabet, fis-sentenza appellata, li mill-provi akkwiziti fil-process ma kienet tirrizulta ebda skrittura privata li tipprospetta t-trasferiment tal-vettura in kwistjoni lill-konvenut Antoine Cutajar, u skond is-socjeta` attrici stess dan ma kienx il-kaz ghaliex din insistiet li l-bejgh sar lil Joseph Cutajar. Ghalhekk, l-ewwel Qorti akkoljiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Antoine Cutajar u cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tieghu. Kwantu ghall-konvenuti l-ohra, cioe` l-konjugi Cutajar, l-ewwel Qorti enfasizzat li l-iskrittura tat-trasferiment kien jonqos fiha l-firma tal-konvenut Joseph Cutajar u wara li ghamlet referenza ghall-paragrafu (g) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili, kif ukoll il-paragrafu (c) ta’ l-Artikolu 1327 ta’ l-istess Kodici, dik il-Qorti ziedet tghid li hija kienet tal-fehma li l-iskrittura dokument CM2 kienet nulla billi jonqosha r-rekwiziti tal-provvedimenti tal-ligi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti. Konsegwentement, laqghet l-eccezzjoni ta’ dawn il-konvenuti u rriservat favur is-socjeta` attrici kull azzjoni ohra lilha spettanti *si et quatinus*. In oltre, akkollat l-ispejjez lis-socjeta` attrici.

11. Is-socjeta` appellanti resqet erba’ aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata. Dawn jistghu jigu sintetizzati bazikament hekk:

a) Il-konvenuti Cutajar qatt ma eccipew li l-iskrittura tat-trasferiment dokument CM2 kienet nulla. L-ewwel Qorti kienet skorretta meta hija stess issollevat din l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ l-iskrittura u ddecidiet li l-istess skrittura kienet nulla.

b) Li, fi kwalunkwe kaz, din l-eccezzjoni ma setghetx tigi invokata mill-konvenuti konjugi Cutajar *per via di*

*eccezione*, izda din l-eccezzjoni tan-nullita` kellha, *se mai*, tingieb 'il quddiem b'azzjoni *ad hoc* jew b'kontro-talba. Dana ghaliex ghal dan il-kaz huwa applikabbli l-principju assodat fil-gurisprudenza kostanti li meta l-kwisjoni hija ta' nullita`, il-konvenut f'kawza jista' jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabbilita`, ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni *ad hoc*. Is-socjeta` appellanti ikkontestat l-argument sottomess mill-konjugi Cutajar u cioe` li ladarba l-kuntratt ta' l-akkwist u l-kambjali kienu ffirmati minn wiehed minnhom biss, u ladarba dan huwa att ta' natura straordinarja skond il-paragrafu (g) tas-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili, allura kien hemm bzonn il-kunsens taz-zewg konjugi u la ma hemmx il-firma taz-zewg konjugi allura t-transazzjoni kienet nulla u bla effett. Is-socjeta` appellanti min-naha taghha irreferiet ghall-Artikolu 1326 ta' l-istess Kodici u argumentat li mit-test ta' din id-dispozizzjoni stess, att ta' amministrazzjoni straordinarja, bhal dak in kwistjoni, *se mai* kien wiehed annullabbli u mhux null u ghalhekk skond gurisprudenza kostanti, il-konvenuti kellhom bil-fors jaghmlu azzjoni separata jew almenu kontro talba u mhux jistriehu fuq eccezzjoni. Is-socjeta` appellanti enfasizzat li l-konvenut Joseph Cutajar naqas li jaghmel tali azzjoni u llum it-terminu pernetorju stabbilit fl-istess dispozizzjoni tal-ligi, ilu li ghadda inutilment.

c) Is-socjeta` appellanti argumentat li n-nuqqas ta' firma ta' Joseph Cutajar fuq l-iskrittura in kwistjoni ma jgibx in-nullita` taghha. Is-socjeta` appellanti rriferiet ghall-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili, applikatu ghall-fatti tal-kaz u kkonkludiet li l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara n-nullita` ta' l-iskrittura, u li minflok kellha tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici.

d) Ir-raba' aggravju tas-socjeta` appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-konvenut Joseph Cutajar kien effettivament ta l-kunsens tieghu sabiex isir l-att ta' amministrazzjoni straordinarja in kwistjoni u cioe` l-akkwist tal-vettura meritu tal-kawza. Is-socjeta` appellanti accennat ghal diversi aspetti tal-provi migbura fil-process u argumentat li ghandu jirrizulta sal-grad rikjest mil-ligi li Joseph Cutajar kien ben konxju tal-fatt li giet akkwistata l-vettura in

kwistjoni u ghalhekk huwa *verosimili* li huwa kien approva tali akkwist mill-komunjoni ta' l-akkwisti, anke jekk b'mod tacitu.

12. L-appellati, fir-risposta ta' l-appell taghhom, issottomettew li socjeta` apellanti ma kkontestatx il-pozizzjoni ta' l-appellat Antoine Cutajar kif interpretata mill-ewwel Qorti. Ziedu jghidu li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta ta' kif kellu jkun trasferiment validu ta' vettura u li dan il-punt kardinali ixxejjen ghal kollox l-aggravji ta' l-appelli kollha li gew sollevati mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha. Ziedu jghidu li n-nullita` ta' l-iskrittura dokument CM2 giet korrettement sollevata *ex officio* mill-ewwel Qorti ghaliex tali nullita` kienet tirrizulta mill-ligi stess. Komplew jissottomettu li billi jirrizulta li l-prezz tal-vettura ma giex imhallas qabel jew mal-konsenja taghha hawn *si tratta* ta' att straordinarju ta' amministrazzjoni u sabiex il-kuntratt ta' bejgh u l-kambjalijiet in kwistjoni jipproducu kwalunkwe effett guridiku fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti a favur tas-socjeta` appellanti, kienu jenhtiegu l-firem taz-zewg konjugi Cutajar u mhux ta' wiehed minnhom biss. Il-konvenuti komplew jghidu li fl-ebda mument ma kien hemm intenzjoni li Mary Cutajar tixtri l-vettura in kwistjoni u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet l-eccezzjoni li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-konjugi Cutajar u s-socjeta` attrici.

13. Wara li din il-Qorti esponiet in succint hafna, il-posizzjonijiet rispettivi li hadu l-kontendenti f'din il-kawza, hija rriflettiet hekk:

a) Jidher car li s-socjeta` appellanti ma ressqet l-ebda aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li ddecidiet li ma tezisti l-ebda skrittura privata li tipprospetta t-trasferiment tal-vettura in kwistjoni lill-konvenut Antoine Cutajar, u fejn gie ddikjarat li dan qatt ma seta' kien, billi skond is-socjeta` attrici, l-bejgh kien sar lill-konvenut Joseph Cutajar. Konsegwentement, ma sar l-ebda appell mis-socjeta` appellanti in kwantu s-sentenza appellata laqghet l-eccezzjoni ta' l-imsemmi konvenut Antoine Cutajar u fejn is-sentenza appellata cahdet it-talbiet tas-

socjeta` attrici fil-konfront ta' dan l-istess konvenut appellat.

b) Ma hemmx dubju li kien il-konvenut Antoine Cutajar li ghazel il-karozza in kwistjoni, u m'hemmx dubju wkoll illi din il-vettura inxtrat biex tintuza mill-istess konvenut Antoine Cutajar. Jirrizulta mill-atti li meta sar in-negozju dan il-konvenut kien lahaq l-eta` maggorenni. Infatti minn fol. 130 tal-process jirrizulta li d-data tat-twelid tieghu hija 13 ta' April 1980, waqt li d-dokument CM1 jidher li n-negozju verbali gie konkjuz fis-27 ta' Awwissu 1998. Il-kuntratt tat-trasferiment dokument CM2 a fol. 20 tal-process jindika d-data ta' l-1 ta' Ottubru 1998.

c) Il-provi orali jindikaw zewg verzjonijiet kompletament konfliggenti dwar min verament xtara l-vettura in kwistjoni. Il-konvenuti appellati sostnew li x-xiri sar esklussivament mill-konvenut Antoine Cutajar. Mill-banda l-ohra, s-socjeta` attrici appellanti sostniet li x-xiri sar mill-konvenut Joseph Cutajar. Pero` jirizulta assodat li d-dokumenti kollha saljenti (ara dokumenti CM1, CM2 u l-kambjali) kollha jindikaw l-isem ta' Joseph Cutajar kif ukoll in-numru tal-karta ta' l-idendita` tieghu u n-numru tal-karta ta' l-idendita` ta' martu Mary Cutajar. Nonostante li Antoine Cutajar kien maggorenni meta saru *a tempo vergine* dawn id-dokumenti, ismu u n-numru tal-karta ta' l-idendita` tieghu ma jiffiguraw xejn f'dawn id-dokumenti. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan bilfors ifisser li l-verzjoni tal-fatti moghtija mis-socjeta` attrici issa appellanti, dwar min verament xtara l-vettura in kwistjoni hija, fuq bilanc ta' probabbiltajiet, ferm aktar *verosimili* u kredibbli.

d) Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-htiega ta' skrittura privata hija rekwizit meta l-oggett mobbli trasferit hu effettivament vettura li tikkwalifika bhala vettura bil-mutur. Infatti s-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 40 tal-Kap. 294 tal-Ligijiet ta' Malta jesigi li "kull trasferiment li ghalih japplikaw l-Artikoli 38 u 39 ta' dan l-att taht il-piena ta' nullita` ghandu jsir bil-miktub".

e) Fil-kaz odjern jidher car li s-socjeta` attrici appellanti qeghdha tibbaza t-talbiet taghha kontenuti fl-att tac-

citazzjoni primarjament fuq l-iskrittura dokument CM2 esebit a fol. 20 tal-process. Jirrizulta li din l-iskrittura giet iffirmata <u>biss</u> mill-konvenuta Mary Cutajar. Li kieku l-konvenut Joseph Cutajar pogga l-firma tieghu fil-post fejn kien intiz li jiffirma fuq id-dokument CM2, kieku x’aktarx li ma kienet tqum l-ebda kwistjoni dwar il-validita` tal-forma skritta rikjesta mil-ligi. L-ewwel Qorti ddecidiet li fil-kaz in ezami n-nuqqas tal-firma ta’ Joseph Cutajar fuq din l-iskrittura kien ifisser li Joseph Cutajar ma kienx marbut ghaliex ma kienx konsenzjenti. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-iskrittura in kwistjoni kienet nulla billi tippekka kontra r-rekwiziti tal-provvedimenti tal-ligi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti. Il-konvenuti appellati qeghdin isostnu din it-tezi f’dana l-appell waqt li s-socjeta` appellanti qeghdha ssostni vigorozament it-tezi kuntrarja u cioe` li bil-firma tal-konvenuta Mary Cutajar fuq l-iskrittura in kwistjoni, u fid-dawl tal-provi kollha akkwiziti fil-process, din il-konvenuta rabtet validament il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejna u bejn zewgha l-konvenut Joseph Cutajar, rigward it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni.

f) Jinsab assodat mill-provi akkwiziti fil-process li fin-negozju tal-vettura in kwistjoni kien intlahaq ftehim preciz dwar il-vettura, dwar il-prezz tal-bejgh/xiri cioe` l-prezz ta’ hamest elef lira (Lm5,000), dwar id-depozitu ta’ elf lira (Lm1,000) li kellu jithallas, u dwar il-mod kif kellu jithallas il-bilanc tal-prezz u cioe` li dan il-bilanc kellu jithallas permezz ta’ tmienja u erbghin (48) pagament mensili kull wiehed ta’ mija u zewg liri u erba’ centemzi (Lm102.04). Jirrizulta li l-vettura in kwistjoni giet konsenjata lix-xerrej appena sar il-hlas tad-depozitu ta’ elf lira (Lm1,000). Jidher li l-ftehim kien li l-hlasijiet tal-pagamenti mensili jibdew jiddekorru mill-1 ta’ Ottubru tas-sena 1998. Jirrizulta li f’din l-ahhar imsemmija data sar l-ewwel hlas mensili kif ukoll li dakinhar stess giet iffirmata mill-konvenuta Mary Cutajar l-iskrittura dokument CM2. Dakinhar ukoll din il-konvenuta ffirmat tmienja u erbghin (48) kambjala li huma esebiti bhala dokument CM3 sa dokument CM46 rispettivament minn fol. 21 sa 46 tal-process. Ix-xhud Joanne Farrugia Montebello, li kienet tiehu hsieb li jsiru d-dokumenti in kwistjoni, xehedet a fol.

103 tal-process li meta l-konvenuta Mary Cutajar ffirmat l-imsemmija dokumenti:
“Dak il-hin ghedtilha biex jitla’ r-ragel jiffirma, ghedtilha fejn ghandek l-ID card number, qaltli iva qalti aktar tard jitla’ r-ragel jiffirma”.

Madanakollu jirrizulta li dawn id-dokumenti qatt ma gew iffirmati minn Joseph Cutajar.

g). Jirrizulta li f’Novembru u f’Dicembru 1998 thallsu erba’ (4) pagamenti kull wiehed ta’ mija u zewg liri u erba’ centemzi (Lm102.04). Is-socjeta` attrici appellanti tippretendi li ghadu dovut lilha l-bilanc ta’ erbat elef, tliet mija u hamsa u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,365.78) kif jirrizulta mill-prospett dokument CM47 a fol. 65 tal-process. Jirrizulta li wara li nsterqet il-vettura in kwistjoni ma thallsu l-ebda pagamenti rateali ohra u ghalhekk is-somma msemmija ta’ erbat elef, tliet mija u hamsa u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,365.78) *ut sic* m’hijiex kontestata.

h) Trid tigi ezaminata issa l-kwistjoni jekk Dokument CM2 li fih biss il-firma ta’ wahda mill-konjugi cioe` ta’ Mary Cutajar jorbotx validament il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi konvenuti Cutajar. Gialadarba l-prezz kollu tal-vettura ma thallasx mal-konsenja taghha lix-xerrej, hawnhekk certament *si tratta* ta’ att ta’ amministrazzjoni straordinarja ai termini tal-paragrafu (g) tas-sub-artikolu (3) ta’ l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Skond is-sub-artikolu (2) ta’ l-istess Artikolu 1322 dan l-att ta’ amministrazzjoni straordinarja kellu jitwettaq u kien imiss liz-zewg mizzewgin Joseph Cutajar u Mary Cutajar flimkien. Jidher li s-socjeta` attrici kienet konxja minn dan l-aspett legali ghaliex meta hejjiet id-dokument CM2 u l-kambjali, ntwera bic-car li dawn id-dokumenti kienu ntizi li jigu ffirmati miz-zewg konjugi Cutajar. X’aktarx li s-socjeta` attrici fdat izzejjed jew kienet traskurata meta ppermettiet il-konsenja tal-vettura <u>qabel</u> ma assigurat li fuq id-dokument CM2 ikun hemm il-firem taz-zewg konjugi Cutajar.

i) Bhala fatt jirrizulta li d-dokument CM2 gie ffirmat biss minn parti wahda fiz-zwieg, cioe` l-konvenuta Mary Cutajar. B'hekk, l-att in kwistjoni twettaq minn konjugi wiehed minghajr il-kunsens espress tal-konjugi l-iehor. F'dawn ic-cirkostanzi ghandu jkun applikabbli l-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

j) Il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-7 ta' Marzu 2003 (Citazzjoni Numru 368/1998/1 fl-ismijiet **Strand Marine Limited v. Simon Borg Bartolo**) fejn ghalkemm il-fatti kienu differenti minn dawk odjerni, xorta wahda johorgu punti ta' relevanza ghall-kaz odjern. Dik il-Qorti qalet hekk:
"L-ewwel eccezzjoni li tghid illi l-kuntratt tal-4 ta' Settembru 1997 kif ukoll il-kambjaliet imsemmija fic-citazzjoni ma jiswewx ghax m'humiex iffirmati wkoll minn mart il-konvenut. Din l-eccezzjoni hija mibnija fuq l-Artikolu 1322(3)(g) tal-Kodici Civili, li jqis bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja l-akkwist ta haga mobbli li l-prezz taghha ma jithallasx mal-konsenja jew qabel, u l-Artikolu 1322(2) li jghid li l-jedd li jwettqu atti ta' amministrazzjoni straordinarja jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Madanakollu, il-fatt illi mart il-konvenut (illum mifruda minnu) ma kenitx parti fix-xiri u ma ffirmatx il-kambjalijiet ma jfissirx li dawk l-atti ma jiswewx; ifisser biss illi mart il-konvenut tista', skond l-Artikolu 1326(5) tal-Kodici Civili, titlob illi zewgha jirrientigra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, jekk dan ma jistax isir, jaghmel tajjeb ghad-danni. F'kull kaz, ma jistax il-konvenut, li kien parti fuq l-att, jitlob illi jithassar."

k) Fil-kawza odjerna, il-ftehim li jemergi mill-iskrittura dokument CM2, ma jistax jigi annullat ai termini tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 1326, u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 1326(5) ta' l-imsemmi Kodici Cvili li jghid hekk:
"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, meta f'xi att li jkun jehtieg il-kunsens tal-parti l-ohra u li jkun dwar mobbli, parti tagixxi wahedha, il-parti l-ohra ma tkunx tista' titlob l-annullament ta' l-att; meta izda, il-parti l-ohra ma tkunx notifikata b'dak l-att, espressament jew tacitament, dik il-parti tkun tista' tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun aggixxiet wahedha tirrientigra l-

komunjoni ta' l-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkunu garrbu."

l) Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, id-dispozizzjoni appena citata ma tistax titqies li tmur kontra l-Artikolu 40(1) tal-Kapitolu 294 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li t-trasferiment ta' vetturi bil-mutur ghandu jsir bil-miktub. Fil-kaz odjern il-firma fuq id-dokument CM2 tal-konvenuta Mary Cutajar kienet bizzejjed biex tinholoq rabta guridikament valida bejn is-socjeta` appellanti u l-konjugi Cutajar appellati a bazi tal-fatt illi l-istess firma tal-konvenuta Mary Cutajar ivvinkolat il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-mizzewgin Cutajar. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1326(5), ir-ragel, cioe` l-konvenut Joseph Cutajar kellu biss, f'kaz li ma jirratifikax l-istess att, jiehu azzjoni biex igieghel lil martu tirrientigra l-komunjoni ta' l-akkwisti, jew li taghmel tajjeb ghad-danni li jkun garrab.

14. A bazi ta' dawn ir-riflessjonijiet din il-Qorti ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li l-iskrittura dokument CM2 hija valida u effikaci dwar it-trasferiment tal-vettura meritu tal-kawza. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-konvenuti appellati Joseph u Mary konjugi Cutajar li huma ma ghandhomx u qatt ma kellhom ebda rapport guridiku mas-socjeta` attrici u li huma qatt ma xtraw ebda vettura minghandha ma tistax tintlaqa' u f'dan is-sens hemm lok li s-sentenza appellata tigi revokata in kwantu hija laqghet din l-eccezzjoni ta' dawn il-konvenuti.

15. Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-kumment li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u cioe` li hawn si tratta ta' *Higher Purchase Agreement*. Minflok, hawn *si tratta* ta' bejgh semplici izda b'dilatazzjoni tal-prezz. Il-bejgh tal-vettura in kwistjoni gie perfezzjonat appena l-konvenuta Mary Cutajar poggiet l-firma taghha fuq l-iskrittura privata li tinkorpora l-ftehim dwar it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni cioe` d-dokument CM 2. F'dak il-mument il-proprjeta` tal-vettura in kwistjoni ghaddiet ghand ix-xerrej cioe` l-konjugi Cutajar u minn dak il-hin l-istess vettura baqghet ghar-riskju u uzu ta' l-istess xerrej.

16. Ghalhekk hemm lok li t-talbiet attrici jintlaqghu unikament fil-konfront tal-konvenuti Joseph u Mary konjugi Cutajar.

17. Ghal dawn il-motivi, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn dina laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut Antoine Cutajar u fejn cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront ta' dan il-konvenut Antoine Cutajar, u tirrevokaha ghall-kumplament u minflok:

1. tiddikjara lill-konvenuti appellati Joseph u Mary konjugi Cutajar debituri tas-socjeta` attrici appellata fin-negozju li jinvolvi x-xiri tal-vettura msemmija fl-att tac-citazzjoni;

2. tiddikjara l-istess konvenuti konjugi Cutajar huma inadempjenti fl-obbligu taghhom tal-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' l-istess vettura;

3 tiddikjara li l-istess konvenuti Joseph u Mary konjugi Cutajar iddekadew mill-beneficcju ta' zmien ghall-hlas ta' l-ammont bilancjali dovut bhala prezz ta' l-istess vettura;
4. tillikwida dan l-ammont bilancjali fis-somma ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,365.78) skond il-prospett 47 a fol. 65 tal-process;

5. tikkundanna lill-istess konvenuti Joseph u Mary konjugi Cutajar li jhallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmi ammont ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u sittin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,365.78), bl-imghaxijiet legali dekorribli mil-lum.

Billi l-kawza involviet aspetti legali u fattwali li ma kienux ta' soluzzjoni facli, tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------